MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Numru: 460/15LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1851/2012 fl-ismijiet:

**Idea Casa Company Limited (C24516)**

**vs**

**Allan Magro K.I. numru 226384 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju, 2015 mir-rikorrent (**Allan Magro K.I. numru 226384 (M))** (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "ir-rikorrent") permezz ta' liema għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

*Illi l-esponenti għandu mandat ta' sekwestru kontra tiegħu fl-ammont ta' circa 21,000 euro maħruġ mis-soċjetà attriċi;*

*Illi saret il-kawża wkoll u mis-sentenza (recte) tal-kawża datata 4 ta' Marzu, 2015 irriżulta illi l-esponenti ġie liberat milli jħallas dan l-ammont u terza persuna ġiet ordnata li tħallas;*

*Illi huwa minnu li l-attur intavola appell però jirriżulta illi dan il-mandat għadu in vigore;*

*Illi dan il-mandat qiegħed jikkawża inkonvenjent konsiderevoli stante li l-esponenti ma jistax jieħu loan u jixtieq ikabbar in-negozju tiegħu;*

*Illi huwa fatt magħruf illi l-Appell dejjem idum mill-inqas tliet (3) snin sakemm jinstema';*

*Illi l-esponenti qiegħed fin-negozju u proprju dan il-mandat qiegħed jistultifika n-negozju tar-rikorrenti;*

*Illi l-esponenti jagħmel referenza għall-Artiklu 836 tal-Kap. 12 in partikolari s-sub artiklu (d) u (f) u jitlob sabiex dan il-mandat jiġi revokat fl-intier tiegħu.*

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata **Idea Casa Company Limited** (C24516) (minn issa 'il quddiem imsejħa "l-intimata") li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Mejju, 2015 fejn eċċepiet dan li ġej:

1. *Introduzzjoni*

*1.1 Illi l-kumpannija esponenti biegħet lir-rikorrenti Allan Magro diversi oġġetti ta' għamara sabiex jimla appartament tiegħu li jinstab 156, Flat 2, John Borg Street, Birkirkara. Allan Magro ħallas depożitu u fadallu jħallas il-bilanċ fl-ammont ta' għoxrin elf sitt mija u sebgħa u tmenin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€20,687.76) – is-sorte tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju impunjat f'dawn l-atti;*

*1.2 Illi f'xi żmien wara illi Allan Magro għamel l-ordni ma' Idea Casa Company Limited huwa informa lir-rappreżentant ta' dik il-kumpannija illi ċertu Joseph Francis Scerri kien ser jassumi d-dejn ossija l-bilanċ tal-prezz tal-għamara mibjugħa u debitament konsenjata, flimkien ma' Allan Magro;*

*1.3 Illi fil-fatt hekk ġara u mingħajr ma ġie estint jew maħfur id-dejn dovut minn Allan Magro lil Idea Casa Company Limited, l-imsemmi Joseph Francis Scerri assuma d-dejn u obbliga ruħu li jħallas lil Idea Casa Company Limited l-istess dejn;*

*1.4 Illi Idea Casa Company Limited la tħallset minn Allan Magro u lanqas mingħand Joseph Francis Scerri u pproċediet billi ppreżentat rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju - impunjat f'dawn l-atti minn Allan Magro - u kawża fl-ismijiet* ***Idea Casa Company Limited vs Allan Magro et*** *(rikors maħluf bin-numru: 1221/2012/SM) bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell);*

*1.5 Illi b'sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta nhar l-4 ta' Marzu, 2015, liema sentenza ġiet esebita minn Allan Magro mar-rikors tiegħu, din l-Onorabbli Qorti irrikonoxxiet il-figura legali li fil-każ odjern kien hemm assunzjoni tad-dejn u mhux l-estinzjoni tal-obbligazzjoni ta' Allan Magro, iżda stranament iddeċidiet*

*billi iddikjarat u kkundannat lil Joseph Francis Scerri biss bħala debitur. Ġie ppreżentat appell minn Idea Casa Company Limited li bħalissa għadu mhux appuntat;*

*1.6 Illi dan huwa t-tieni rikors revoka illi Idea Casa Company Limited irċeviet u li ġie ppreżentat minn Allan Magro. L-ewwel rikors revoka ppreżentat minn Allan Magro kien dak ta' nhar l-14 ta' Jannar, 2013 permezz ta' liema talab ir-revoka tal-istess mandat kawtelatorju ai termini ta' l-artikolu 836 (1) (b), (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rikors revoka għandu n-numru 21/2013/JA fl-ismijiet hawn fuq premessi u kien ġie miċħud minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*1.7 Illi Idea Casa Company Limited issostni li t-talbiet kollha ta' Allan Magro kontenuti fir-rikors tiegħu ta' nhar il-15 ta' Mejju, 2015 għandhom jiġu miċħuda u dana għar-raġunijiet li ġejjin;*

*2. Preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors revoka ta' Allan Magro billi skont l-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba hemm kawża pendenti r-rikors revoka ta' mandat kawtelatorju għandu jiġi ppreżentat mhux fl-atti tal-mandat kawtelatorju iżda quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tittratta l-kawża u ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li f'tali ċirkostanzi l-imsemmija Qorti hija l-Qorti tal-Appell innifisha;*

*2.1 Ir-rikors revoka illi ppreżenta issa Allan Magro ġie ppreżentat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru: 1851/2012;*

*2.2 L-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jirregola l-proċeduri li għandhom jittieħdu sabiex tintalab ir-revoka ta' mandat kawtelatorju jgħid illi tali revoka għandha tintalab "lill-Qorti li tkun*

*ħarġet l-att kawtelatorju" jew "jekk tkun saret kawża" "lill-Qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża";*

*2.3 F'dan il-każ, il-kawża saret u ġiet deċiża b'sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Marzu, 2015. Il-kontendenti jaqblu li bħalissa hemm appell pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, liema appell ġie ppreżentat mill-kumpannija esponenti fir-rigward ta' dik il-parti tal-imsemmija sentenza li ma kkundannatx lil Allan Magro jħallas is-sorte, l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba minnha;*

*2.4 Ġie awtorevolment deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell illi f'dawn iċ-ċirkostanzi hija l-Onorabbli Qorti tal-Appell illi qiegħda tittratta l-kawża u għalhekk rikors revoka riferibbilment għal mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi huwa relatat ma' kawża pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell huwa ta' kompetenza ta' dik l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt, fis-sentenza reċenti mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet* ***Stephen Tanti et vs Louis Scerri Montaldo et*** *l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriteniet illi: "Għalhekk fil-każ in eżami peress li l-kawża mhux talli ġià nbdiet iżda anke ġiet deċiża fl-ewwel istanza u sar appell minn dik is-sentenza, hija din il-Qorti li bħalissa qed tittratta l-kawża; kwindi hija l-unika Qorti li qed tagħmel dan u allura r-rikorrenti kellhom jippreżentaw it-talba tagħhom quddiemha kif jgħid l-artikolu msemmi. Huwa minnu li dan mhux normali li jsir għaliex normalment mandat kawtelatorju jinħareġ fi stadju bikri tal-proċeduri; ġieli anzi ħafna drabi qabel ma tiġi intavolata l-kawża proprja. Huwa minnu wkoll li l-liġi fis-sub-inċiz (5) tal-istess artikolu tgħid ma jistax isir appell minn digriet li jilqa' talba għar-revoka jew tħassir tal-mandat iżda huwa ċar għal din il-Qorti li l-leġiżlatur kien qed jaħseb f'dak li jiġri normalment u għandu japplika l-prinċipju 'praesumitur et eo quod plurimum accidit'";*

*2.5 Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, dina l-Onorabbli Qorti mhijiex il-Qorti kompetenti illi tieħu konjizzjoni tat-talbiet ta' Allan Magro għaliex tali talbiet kellhom semmai isiru lill-Onorabbli Qorti tal-Appell illi bħalissa qiegħda "tittratta l-kawża";*

*2.6 Għal din ir-raġuni biss, ir-rikors ta' Allan Magro għandu jiġi miċħud;*

*3. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba għal revoka da parti ta' Allan Magro hija llum mertu ġjà deċiż minn dina l-Onorabbli Qorti u għalhekk huwa res judicata;*

*3.1 Kif ġjà ngħad hawn fuq, ir-rikors għal revoka ppreżentat minn Allan Magro nhar il-15 ta' Mejju, 2015 huwa t-tieni rikors revoka għall-istess mandat ta' sekwestru ppreżentat minnu. L-ewwel rikors revoka kien ġie ppreżentat minnu nhar l-14 ta' Jannar, 2013 permezz ta' liema kien talab ir-revoka tal-istess mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 836 (1) (b), (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema rikors revoka għandu n-numru 21/2013/JA fl-ismijiet hawn fuq premessi u kien ġie miċħud minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*3.2 Ladarba r-rikors għal revoka odjern huwa ibbażat fuq l-istess dispożizzjoni tal-liġi u fuq l-istess kawżali tar-rikors għal revoka ġjà miċħud minn dina l-Onorabbli Qorti, it-talba ta' Allan Magro hija llum mertu ġjà deċiż minn dina l-Onorabbli Qorti. Id-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti huwa ġudikat ossija res judicata għaliex jittratta l-istess mertu bejn l-istess partijiet u għalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tidħol fil-mertu ta' dak mitlub minn Allan Magro. Ladarba dina l-Onorabbli Qorti ġjà iddeċidiet li ma hemmx lok li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju jiġi revokat taħt id-dispożizzjonijiet*

*invokati minn Allan Magro, huwa inawdit li l-istess talba terġa' tiġi proposta;*

*3.3 Kif ġie ritenut kemm-il darba mill-Qrati tagħna "Ma jistax ikun leċitu [...] li jerġa' jipproponi l-istess domanda biex jinnewtralizza l-imsemmija deċiżjoni preċedenti, billi jġib 'il quddiem raġunijiet jew provi li kien jaf bihom u li seta' u messu jġib fil-kors tal-proċess l-ieħor. Jekk ma għamilx hekk "imputet sibi"; u l-imsemmija sentenza [preċedenti] ma tistax tiġi injorata u mqegħda fil-ġenb għal raġunijiet pre-eżistenti għall-prolazzjoni tagħha."*[1] *Similment fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmelo Bonello vs Onor. Edgar Cuschieri noe***[2] *ġie ritenut illi: "il giudicato si forma non solo in ordine a ciò che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non fu discusso dalla parte che doveva discutere per la propria istanza od eccezione";*

*3.4 Għal din ir-raġuni wkoll, ir-rikors revoka ppreżentat minn Allan Magro għandu jiġi miċħud;*

*4. F'kull każ, it-talba għal revoka mressqa minn Allan Magro ma tistax tiġi milqugħa mingħajr ma tiġi revokata d-deċiżjoni mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba għar-revoka li saret preċedentement*

*4.1 Mingħajr preġudizzju għall-premess, anke kieku għall-grazzja tal-argument u għall-grazzja tal-argument biss, kellu jingħad li dina l-Onorabbli Qorti ma taqbilx mal-eċċezzjoni tal-ġudikat mogħtija hawn fuq, xorta waħda dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' t-talba għal revoka kontenuta fir-rikors għal revoka ta' nhar il-15 ta' Mejju, 2015*

---

[1] F'dan is-sens ara **Carmelo Camilleri vs. Spiru D'Amato** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1956 u pubblikata f'Vol. XL pt. I p. 65.
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-6 ta' Marzu, 1950 u pubblikata f'Vol. XXXIV pt. I p. 74.

*għaliex xorta waħda f'tali sitwazzjoni jkun hemm żewġ deċiżjonijiet kunfliġġenti u dijametrikament opposti;*

*4.2 Semmai u dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-ġudikat u għall-eċċezzjoni l-oħra ta' natura preliminari, Allan Magro messu – jekk ried – ikkontesta d-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti li bih kienet ġiet miċħuda t-talba tiegħu għal revoka u mhux ippreżenta rikors ġdid;*

*4.3 Għal din ir-raġuni wkoll, it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ma tistax tintlaqa';*

*5. Dwar l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*

*5.1 L-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

*5.2 Il-ġurisprudenza tgħallem illi "l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares linteressi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Illi biex ammont imsemmi f'att*

*kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat" – ara d-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar id-29 ta' Lulju, 2005 (recte) fl-ismijiet* ***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea****;*

*5.3 Idea Casa Company Limited tissottometti illi l-ammont indikat minnha bħala sorte huwa l-bilanċ dovut lilha minn Allan Magro kif jirriżulta mill-istatement relattiv esebit fl-atti tal-kawża u li per se mhuwiex kontestat;*

*5.4 Inoltre Idea Casa Company Limited tissottometti wkoll illi Allan Magro la ġab u lanqas ittenta jġib prova kwalsiasi li tali ammont mhuwiex prima facie ġustifikat jew eċċessiv;*

*5.5 Il-fatt illi Allan Magro ma ġiex ikkundannat minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza mogħtija minnha nhar l-4 ta' Marzu, 2015 ma jfissirx illi l-ammont mitlub mhuwiex prima facie ġustifikat jew eċċessiv. Dik hija l-kwistjoni fil-mertu bejn il-kontendenti u mhux kwistjoni li għandha tiġi dibattuta fl-atti ta' rikors għal revoka ta' mandat kawtelatorju. Hemm bosta sentenzi li jgħidu li f'dan l-istadju, dina l-Onorabbli Qorti trid tagħmel analiżi sal-livell ta' prima facie u ma tidħol bl-ebda mod fil-kwistjoni fil-mertu. Skont ġurisprudenza paċifika u kostanti, huwa stabbilit illi l-unika eżami li għandha tagħmel il-Qorti fl-istadju ta' rikors għal revoka ta' mandat kawtelatorju huwa dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ritenut fid-digriet mogħti mill-Imħallef Tonio Mallia nhar il-5 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet* ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut****:*

*"Issa, kif ingħad minn din il-Qorti, fil-kawża* ***Camilleri vs Govè et****, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01, "li mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.*

*Illi fil-fatt jista' jingħad li dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellu pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-aħhar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li din il-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża."" (ara wkoll* ***P.J. Sutters Co. Ltd vs Consept Ltd*** *deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2001 u* ***Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd*** *deċiża wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2001);*

*5.6 Minn eżami tar-raġuni li espona Allan Magro sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inkwistjoni – li ngħatat sentenza fejn ma ġiex ikkundannat bħala debitur ta' Idea Casa Company Limited – jirriżulta illi huwa jippretendi li ma għandu xejn x'jaqsam mad-dejn mertu tal-kawża li bdiet Idea Casa Company Limited għaliex Joseph Francis Scerri assuma d-dejn miegħu. Għal darb'oħra jirriżulta illi Allan Magro qiegħed fil-verità jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi u tiġġudika jekk Allan Magro huwiex leġittimu kuntradittur għat-talbiet ta' Idea Casa Company Limited – kwistjoni ossija eċċezzjoni li għandha tiġi mħollija f'idejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell li f'dan l-istadju hija adita bil-mertu tal-kwistjoni u mhux tiġi deċiża permezz ta' sempliċi rikors għal revoka ta' mandat*

*kawtelatorju. Jekk Allan Magro huwiex leġittimu kuntradittur, kif issostni Idea Casa Company Limited, jew le, kif isostni huwa, anke fuq l-iskorta tas-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti, hija kwistjoni li trid tiġi riżolta mill-Onorabbli Qorti tal-Appell u mhux minn dina l-Onorabbli Qorti f'dawn l-atti;*

*5.7 Idea Casa Company Limited tirreferi għas-segwenti ġurisprudenza ukoll:*

*(i) id-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali nhar l-4 ta' Diċembru, 2012 fl-ismjiet* ***Bella Claudia Nicoletta Cassar vs Anthony Cassar et*** *fejn ġie ritenut illi "F'dan l-istadju hu opportun li jigi osservat illi l-kwestjoni dwar il-leġittimu kontradittur ma tistax tiġi eżaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni għall-meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-eżami li għandu jsir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx għall-inqas prova li mad-daqqa t'għajn teskludi li hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet";*

*(ii) id-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-26 ta' April, 2002 fl-ismijet* ***Av. Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services et*** *fejn ġie ritenut illi: "Skont l-Artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta Mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed prima facie u l-Qorti m'għandiex tidħol fi kwistjonijiet li*

*jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant";*

*(iii) id-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Awwissu, 2001 fl-ismijiet* ***L-Avukat Dottor Tonio Fenech noe et vs L-Avukat Dottor Patrick Spiteri pro et noe*** *fejn ġie ritenut illi: "In vista tal-premess u fid-dawl tas-sottomissjonijiet kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt tar-rikorrenti il-kwestjoni dwar il-leġittimu kontradittur ma tistax tiġi eżaminata fid-dettal u b'mod estensiv, peress li din il-kwestjoni essenzjalment tappartjeni għall-meritu tal-kwestjoni bejn il-partijiet. L-eżami li għandu isir f'dan ir-rigward hu jekk hemmx għall-inqas prova li mad-daqqa t'għajn teskludi li hemm relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet;*

*5.8 Għaldaqstant ma hemmx lok li l-mandat inkwistjoni jiġi revokat għal din ir-raġuni;*

*6. Dwar l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta*

*6.1 Allan Magro isejjes it-talba tiegħu għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju wkoll fuq l-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhumiex aktar meħtieġa jew ġustifikabbli;*

*6.2 Ili fil-kuntest ta' din il-bażi legali ġie deċiż illi is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali mandat*

*jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti; Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ – ara d-digriet mogħti min dina l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Settembru, 2012 fl-ismijet* ***Ryan John Farrugia vs Olive Gardens Investments Limited et****;*

*6.3 Allan Magro ma jurix kif il-mandat inkwistjoni mhuwiex raġjonevoli jew aktar meħtieġ u lanqas ma jgħid x'inbidel wara l-ħruġ tal-mandat li jista' jwassal għal bdil fiċ-ċirkostanzi meħtieġ mill-ġurisprudenza sabiex il-mandat jitneħħa;*

*6.4 Allan Magro jgħid illi huwa negozjant u l-mandat ta' sekwestru in kwistjoni qiegħed jikkawżalu inkonvenjent konsiderevoli u mhux iħallih jespandi n-negozju tiegħu. Issa hija ġurisprudenza paċifika li l-mandati kollha, min-natura tagħhom stess, huma tali li joħolqu inkonvenjent iżda b'daqshekk biss ma jkun hemm l-ebda raġuni sabiex mandat jiġi revokat. Il-fatt li bil-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jinħoloq diżaġju jew inkonvenjent lill-parti intimata la jfisser li tali mandat għandu jitneħħa wisq anqas li għandha tingħata xi garanzija. Dan ġie ritenut diversi drabi f'għadd ta' digrieti mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti, fost liema, id-digriet mogħti nhar il-5 ta' Lulju, 2013 fl-atti tar-rikors bin-numru: 263/2013/AF fl-ismijiet* ***Mario Saliba vs Paul Sammut et*** *fejn ingħad li: "Il-Qorti, inoltre tifhem illi kull mandat jikkreja diffikultà u inkonvenjent, però dan irid ikun dejjem bilancjat mad-dritt ta' kull parti f'kawża li jikkawtela b'kull mod li tagħtiha l-liġi d-drittijiet li ssostni li*

*għandha" u d-digriet mogħti nhar id-29 ta' Lulju, 2014 fl-atti tar-rikors bin-numru: 12/2014/AF fl-ismijiet* ***Multi Packaging Limited (C158) vs Mary Rose Pace f'isimha proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' binha minuri Isaac Bajada u David Bajada****, kemm personalment u kemm fil-kwalità taghhom ta' eredi ta' Adrian Bajada fejn ingħad ukoll li: "kull mandat ovvjament jikkreja inkonvenjent lid-debitur; dan però m'għandux ixejjen id-dritt ta' kull kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tiegħu b'kull jedd li tagħtih il-liġi;*

*6.5 Idea Casa Company Limited ma tistax ma tistagħġibx kif Allan Magro jista' jagħmel tali rikors u jallega li qiegħed isofri inkonvenjent meta ħadd mis-sekwestratarji ma ddepożita ċenteżmu (imqar wieħed biss) mis-sorte mitluba minn Idea Casa Company Limited. Fi kliem ieħor, kif jista' Allan Magro jgħid li qiegħed jinħoloqlu preġudizzju jekk is-sekwestratraji ma kellhomx flus appartenenti lilu x'jiġu depożitati u hija l-istess kumpannija esponenti biss illi hija skoperta għal kollox? Jekk l-appell idum sabiex jiġi appuntat ċertament ma taħtix Idea Casa Company Limited. Allan Magro jista' dejjem – jekk huwa minnu l-inkonvenjent allegat – jitlob li l-appell pendenti jinstema' b'urġenza. Idea Casa Company Limited temmen però illi t-talba ta' Allan Magro mhijiex ġenwina u huwa jrid ikompli jeludi l-jeddijiet tagħha kif s'issa rnexxielu jagħmel bil-kompliċità ta' persuna ikkundannata għal kummissjoni ta' reat ta' frodi ossija Joseph Francis Scerri. Ladarba ma ġew issekwestrati l-ebda flus in kawtela tal-ammont mitlub minn Idea Casa Company Limited, il-preġudizzju huwa tagħha u tagħha biss u mhux ta' Allan Magro;*

*6.6 Għalhekk ma hemm l-ebda raġuni taħt dan is-sub-inċiż sabiex il-mandat ta' sekwestru inkwistjoni jiġi revokat;*

*7. Konklużjoni*

*7.1 Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet, Idea Casa Company Limited umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha ta' Allan Magro kontenuti fir-rikors tiegħu ta' nhar il-15 ta' Mejju, 2015, bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà intimata **Idea Casa Company Limited** fir-Risposta tagħha ppreżentata fis-26 ta' Mejju, 2015 eċċepiet b'mod preliminari li dina il-Qorti mhijiex il-qorti kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors revoka tar-rikorrent Allan Magro billi skont l-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba hemm kawża pendenti, ir-rikors revoka ta' mandat kawtelatorju għandu jiġi ppreżentat mhux fl-atti tal-mandat kawtelatorju, iżda quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tittratta l-kawża.

Il-Mandat ta' Sekwestrju kawtelatorju 1851/2012 kien ġie segwit mis-soċjetà intimata Idea Casa Company Limited b'kawża li nqatgħet mill-qorti ta' prim'istanza u llum tinsab quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, anki jekk dan l-appell għadu ma ġiex appuntat.

Il-Qorti tal-Appell irriteniet kemm-il darba li fejn kawża tkun qiegħda tistenna l-eżitu ta' appell, rikors li jitlob ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju m'għandux jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti li tkun laqgħet it-talba għall-ħruġ

ta' dak il-mandat, iżda għandu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tittratta l-kawża li segwiet il-ħruġ tal-mandat, f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell[3].

Fid-digriet tagħha fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru: 14/2014 fl-ismijiet **Zealand Holdings Inc. vs Il-Bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V.**, il-Qorti tal-Appell[4] ikkonkludiet kif ġej:

> *"Fil-kuntest tal-aggravju ta' Zealand Holdings Inc. li mhux din il-Qorti (tal-Appell) iżda l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha kompetenza tiddeċiedi fuq rikors simili, il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 836(1) tal-imsemmi Kap. 12 u darba li l-atti tal-kawża tressqu quddiem din il-Qorti għat-trattazzjoni, hija din il-Qorti li hi kompetenti biex tisma' u tiddeċiedi fuq il-kwistjoni, avolja l-appell fil-meritu għadu ma ġiex appuntat għas-smigħ amministrattivament".*

Permezz tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-leġiżlatur iddeċieda illi fejn tkun diġà ġiet ippreżentata l-kawża fil-mertu, hija l-qorti li tkun qed tisma' l-kawża dik kompetenti u idonea sabiex tittratta rikorsi fejn tintalab ir-revoka ta' mandati kawtelatorji.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

[3] Ara s-sentenza **Stephen Tanti et vs. Louis Scerri Montaldo et (QA)** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2015.
[4] Deċiża fl-24 ta' April, 2015.

1) **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà intimata Idea Casa Company Limited billi skont l-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta dina il-Qorti mhijiex il-qorti kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors revoka ta' Allan Magro billi ladarba hemm kawża pendenti r-rikors revoka kellu jiġi ppreżentat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell bħala l-qorti li qiegħda tittratta l-kawża li segwiet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru 1851/2012;**

2) **Konsegwentement qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrent Allan Magro kif dedotti fir-Rikors tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mir-rikorrent Allan Magro.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------